**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/660**

**tas-6 ta' April 2017**

**dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2018, l-2019 u l-2020 biex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jiġi vvalutat l-esponiment tal-konsumatur għalihom**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 29(2) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008 ([2]) ġie stabbilit l-ewwel programm Komunitarju multiannwali kkoordinat u ta' kontroll li jkopri s-snin 2009, 2010 u 2011. Il-programm tkompla permezz ta' Regolamenti konsekuttivi tal-Kummissjoni. L-aktar wieħed riċenti kien ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/662 ([3]).

(2) Hemm bejn tletin u erbgħin prodott tal-ikel li jikkostitwixxu l-komponenti ewlenin tad-dieta fl-Unjoni. Peress li l-użi tal-pestiċidi juru bidliet sinifikanti tul perjodu ta' tliet snin, il-pestiċidi f'dawk il-prodotti tal-ikel għandhom jiġu ssorveljati tul sensiela ta' ċikli ta' tliet snin biex l-esponiment tal-konsumatur u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jkunu jistgħu jiġu vvalutati.

(3) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-Awtorità), bagħtet rapport xjentifiku dwar valutazzjoni tad-disinn tal-programm ta' monitoraġġ tal-pestiċidi. Hija kkonkludiet li rata ta' skorriment tal-MRL li tkun ogħla minn 1 % tista' tiġi stmata b'marġini ta' żball ta' 0,75 % billi jintgħażlu 683 unità ta' kampjun għal minimu ta' 32 prodott differenti tal-ikel ([4]). Il-ġbir ta' dawn il-kampjuni għandu jitqassam fost l-Istati Membri skont il-kobor tal-popolazzjoni, b'minimu ta' 12-il kampjun għal kull prodott u għal kull sena.

(4) Ir-riżultati analitiċi mill-programmi uffiċjali ta' kontroll preċedenti tal-Unjoni tqiesu biex jiġi żgurat li l-firxa ta' pestiċidi koperti mill-programm ta' kontroll tkun rappreżentattiva tal-pestiċidi użati.

(5) Gwida dwar il-proċeduri ta' kontroll analitiku tal-kwalità u ta' validazzjoni tal-analiżi tar-residwi tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf (Analytical quality control and validation procedures for pesticide residues analysis in food and feed) tinsab ippubblikata fis-sit web tal-Kummissjoni ([5]).

(6) Fejn id-definizzjoni ta' residwu ta' pestiċida tinkludi sustanzi attivi oħra, metaboliti jew prodotti li jirriżultaw minn diżintegrazzjoni jew minn reazzjoni, dawk il-komposti għandhom jiġu rrappurtati separatament sakemm jiġu mkejla b'mod individwali.

(7) L-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel laħqu qbil dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni, bħad-Deskrizzjoni Standard tal-Kampjuni (SSD) ([6]) ([7]) għas-sottomissjoni tar-riżultati tal-analiżi tar-residwi tal-pestiċidi, li huma relatati mat-tressiq tal-informazzjoni mill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 li jikkonċerna programm Komunitarju kkoordinat ta' kontroll multiannwali għall-2009, 2010 u 2011 sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali u biex tevalwa l-esponiment tal-konsumatur għalihom (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 9).
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/662 tal-1 ta' April 2016 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2017, l-2018 u l-2019 biex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jiġi vvalutat l-esponiment tal-konsumatur għalihom (ĠU L 115, 29.4.2016, p. 2).
([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; il-programm ta' monitoraġġ tal-pestiċidi: il-valutazzjoni tad-disinn. The EFSA Journal 2015;13(2):4005.
([5]) Id-Dokument Nru SANTE/11945/2015 http://ec.europa.eu/food/plant/docs/plant_pesticides_mrl_guidelines_wrkdoc_11945_en.pdf l-aktar verżjoni riċenti tiegħu.
([6]) Deskrizzjoni standard tal-kampjuni għall-ikel u l-għalf (EFSA Journal 2010; 8(1): 1457).
([7]) L-użu tad-Deskrizzjoni Standard tal-Kampjuni tal-EFSA ver. 2.0 (SSD) għar-rappurtar ta' dejta dwar il-kontroll marbut mar-residwi tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf skont ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 (EFSA Supporting publication 2015: EN-918).

(8) Għall-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni għandha tapplika d-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE ([1]), li tinkorpora l-metodi u l-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni rakkomandati mill-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius.

(9) Jeħtieġ li jiġi evalwat jekk il-livelli massimi ta' residwi għall-ikel tat-trabi u tat-tfal żgħar, stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE ([2]) u fl-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE ([3]) humiex qed jiġu rrispettati, billi jitqiesu biss id-definizzjonijiet tar-residwi kif inhuma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(10) Fir-rigward tal-metodi ta' residwu uniku, l-Istati Membri jistgħu jkunu kapaċi jilħqu l-obbligi ta' analiżi tagħhom billi jirrikorru għal-laboratorji uffiċjali li diġà jkollhom il-metodi vvalutati meħtieġa.

(11) L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-informazzjoni li tikkonċerna s-sena kalendarja preċedenti sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena.

(12) Sabiex tkun evitata kwalunkwe konfużjoni minħabba t-trikkib bejn il-programmi multiannwali konsekuttivi, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/662 jenħtieġ li jitħassar fl-interess taċ-ċertezza tad-dritt. Madankollu, dan għandu jkompli japplika għall-kampjuni ttestjati fl-2017.

(13) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Matul is-snin 2018, 2019 u 2020, l-Istati Membri għandhom jieħdu u janalizzaw kampjuni għall-kombinazzjonijiet ta' prodotti/pestiċidi, kif stipulat fl-Anness I.

L-għadd ta' kampjuni ta' kull prodott, fosthom prodotti tal-ikel għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar, u prodotti li joriġinaw mill-biedja organika, għandu jkun dak stipulat fl-Anness II.

*Artikolu 2*

1. Il-lott li minnu jittieħdu l-kampjuni għandu jintgħażel b'mod aleatorju.

Il-proċedura tat-teħid ta' kampjuni, inkluż l-għadd ta' unitajiet, għandhom ikunu konformi mad-Direttiva 2002/63/KE.

2. Il-kampjuni kollha, inklużi dawk tal-prodotti tal-ikel maħsubin għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar għandhom jiġu analizzati għall-pestiċidi stabbiliti fl-Anness I, skont id-definizzjonijiet tar-residwi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 396/2005.

3. Għall-prodotti tal-ikel maħsubin għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar, il-kampjuni għandhom jiġu vvalutati fuq il-prodotti kif jiġu proposti lesti għall-konsum, jew wara li jiġu rikostitwiti skont l-istruzzjonijiet tal-manifatturi, filwaqt li jitqiesu l-MRLs stipulati fid-Direttivi 2006/125/KE u 2006/141/KE. F'każijiet meta dawn il-prodotti tal-ikel ikunu ta' tip li jistgħu jiġu kkunsmati kemm kif jinbiegħu kif ukoll f'forma rikostitwita, ir-riżultati għandhom jiġu rrappurtati fir-rigward tal-prodott mhux rikostitwit kif jinbiegħ.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom jissottomettu r-riżultati tal-analiżi tal-kampjuni ttestjati fl-2018, fl-2019 u fl-2020 sal-31 ta' Awwissu tal-2019, tal-2020 u tal-2021 rispettivament. Ir-riżultati għandhom jintbagħtu skont id-Deskrizzjoni Standard tal-Kampjuni (SSD).

([1]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE tal-11 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi metodi tal-Komunità ta' teħid ta' kampjuni għall-kontroll uffiċjali ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti jew mill-annimali u li tħassar id-Direttiva 79/700/KEE (ĠU L 187, 16.7.2002, p. 30).
([2]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 dwar formuli tat-trabi u formuli tal-prosegwiment u li temenda d-Direttiva 1999/21/KE (ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1).
([3]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar (ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16).

Fejn id-definizzjoni ta' residwu ta' pestiċida tinkludi iżjed minn kompost wieħed (sustanza attiva, metabolit u/jew prodotti li jirriżultaw minn diżintegrazzjoni jew minn reazzjoni), l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw ir-riżultati tal-analiżi skont id-definizzjoni sħiħa tar-residwi. Barra minn hekk, ir-riżultati ta' kull wieħed mill-analiti li jiffurmaw parti mid-definizzjoni tar-residwi għandhom jintbagħtu separatament, sakemm dawn jiġu mkejla fuq bażi individwali.

*Artikolu 4*

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/662 huwa mħassar.

Madankollu, dan għandu jkompli japplika għall-kampjuni li jiġu ttestjati fl-2017.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' April 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

PARTI A

**Prodotti li joriġinaw mill-pjanti** ([1]) **li għandu jittieħed kampjun minnhom fl-2018, fl-2019 u fl-2020**

| 2018 | 2019 | 2020 |
|---|---|---|
| (b) | (c) | (a) |
| Għeneb tal-mejda ([2]) | Tuffieħ ([2]) | Larinġ ([2]) |
| Banana ([2]) | Frawli ([2]) | Lanġas ([2]) |
| Grejpfrut ([2]) | Ħawħ, inklużi n-nuċiprisk u ibridi simili ([2]) | Frott tal-kiwi ([2]) |
| Brunġiel ([2]) | Inbid (aħmar jew abjad) magħmul mill-għeneb. (Jekk l-ebda fattur speċifiku tal-ipproċessar għall-inbid ma jkun disponibbli, jista' jiġi applikat fattur prestabbilit ta' 1. L-Istati Membri huma mitluba li jirrappurtaw il-fatturi tal-ipproċessar tal-inbid użati fir-"Rapport Sommarju Nazzjonali") | Pastard ([2]) |
| Brokkoli ([2]) | Ħass ([2]) | Basal ([2]) |
| Bettieħ ([2]) | Kaboċċi kkapoċċati ([2]) | Karrotti ([2]) |
| Faqqiegħ ikkultivat ([2]) | Tadam ([2]) | Patata ([2]) |
| Bżar ħelu ([2]) | Spinaċi ([2]) | Fażola (imnixxfa) ([2]) |
| Ħbub tal-qamħ ([3]) | Żerriegħa tal-ħafur ([3]) ([4]) | Żerriegħa tas-segala ([3]) |
| Żejt taż-żebbuġa verġni (Jekk l-ebda fattur speċifiku ta' pproċessar għaż-żejt mhuwa disponibbli, jista' jiġi applikat fattur prestabbilit ta' 5 għal sustanzi li jinħallu fix-xaħam, filwaqt li jitqies ir-rendiment standard tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa ta' 20 % tal-ħsad taż-żebbuġ; għal sustanzi li jinħallu f'sustanzi mhux xaħmin, jista' jintuża fattur standard ta' pproċessar għaż-żejt ta' 1. L-Istati Membri huma mitluba li jirrappurtaw il-fatturi tal-ipproċessar użati fir-"Rapport Sommarju Nazzjonali"). | Żerriegħa tax-xgħir ([3]) ([5]) | Ross ismar (ross imfesdaq), definit bħala ross wara t-tneħħija tal-qoxra minn ross fil-fosdqa ([6]) |

([1]) Għall-prodotti naturali li jridu jiġu analizzati, il-partijiet tal-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs għandhom jiġu analizzati għall-prodott ewlieni tal-grupp jew tas-sottogrupp kif elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 752/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014 li jissostitwixxi l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 208, 15.7.2014, p. 1) sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

([2]) Prodotti mhux ipproċessati (inkluż prodotti ffriżati) għandhom jiġu analizzati.

([3]) Jekk l-ebda kampjun suffiċjenti ta' segala, qamħ, ħafur jew żerriegħa tax-xgħir ma huma disponibbli, jista' jiġi analizzat ukoll id-dqiq integrali tas-segala, tal-qamħ, tal-ħafur u tax-xgħir u għandu jiġi rrappurtat fattur ta' pproċessar. Jekk il-fatturi speċifiċi tal-ipproċessar ma jkunux disponibbli, jista' jiġi applikat fattur prestabbilit ta' 1.

([4]) Jekk ma jkunx hemm għadd suffiċjenti ta' kampjuni taż-żerriegħa tal-ħafur disponibbli, il-parti tal-għadd ta' kampjuni meħtieġa għaż-żerriegħa tal-ħafur li ma setgħetx tittieħed, tista' tiżdied mal-għadd ta' kampjuni għaż-żerriegħa tax-xgħir, bir-riżultat li l-għadd tal-kampjuni għaż-żerriegħa tal-ħafur ikun inqas u l-għadd tal-kampjuni għaż-żerriegħa tax-xgħir jiżdied b'mod proporzjonali.

([5]) Jekk ma jkunx hemm għadd suffiċjenti ta' kampjuni taż-żerriegħa tax-xgħir disponibbli, il-parti tal-għadd ta' kampjuni meħtieġa għaż-żerriegħa tax-xgħir li ma setgħetx tittieħed, tista' tiżdied mal-għadd ta' kampjuni għaż-żerriegħa tal-ħafur, bir-riżultat li l-għadd tal-kampjuni għaż-żerriegħa tax-xgħir ikun inqas u l-għadd tal-kampjuni għaż-żerriegħa tal-ħafur jiżdied b'mod proporzjonali.

([6]) Fejn xieraq, tista' tiġi analizzata wkoll iż-żerriegħa tar-ross illostrat. Għandu jiġi rrappurtat lill-EFSA jekk ġiex analizzat ross illostrat jew ross imfesdaq. Jekk ġie analizzat ross illostrat, għandu jiġi rrappurtat fattur ta' pproċessar. Jekk il-fatturi speċifiċi tal-ipproċessar ma jkunux disponibbli, jista' jiġi applikat fattur prestabbilit ta' 0,5.

PARTI B

## Prodotti li joriġinaw mill-annimali (1) li għandu jittieħed kampjun minnhom fl-2018, fl-2019 u fl-2020

| 2018 | 2019 | 2020 |
|---|---|---|
| (d) | (e) | (f) |
| Xaħam tal-bovini (2) | Ħalib tal-baqar (3) | Xaħam tal-pollam (2) |
| Bajd tat-tiġieġ (2) (4) | Xaħam tal-majjal (2) | Xaħam tan-nagħaġ (2) |

(1) Għall-prodotti naturali li jridu jiġu analizzati, il-partijiet tal-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs għandhom jiġu analizzati għall-prodott ewlieni tal-grupp jew tas-sottogrupp kif elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 752/2014 sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.
(2) Prodotti mhux ipproċessati (inkluż prodotti ffriżati) għandhom jiġu analizzati.
(3) Ħalib frisk (mhux ipproċessat) għandu jiġu analizzat, inkluż il-ħalib iffriżat, ippasturizzat, imsaħħan sterilizzat jew iffiltrat.
(4) Bajd sħiħ mingħajr il-qoxra għandu jkun analizzat.

PARTI C

## Kombinazzjonijiet ta' pestiċidi/prodotti li għandhom jiġu ssorveljati fi/fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti

| | 2018 | 2019 | 2020 | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| 2,4-D | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-grejpfrut, fl-għeneb tal-mejda, fil-brunġiel, fil-brokkoli u fuqhom fl-2018; fil-ħass, fl-ispinaċi, fit-tadam u fuqhom fl-2019; fil-lariġ, fil-pastard, fir-ross ismar, fil-fażola mnixxfa u fuqhom fl-2020. |
| 2-Fenilfenol | (b) | (c) | (a) | |
| Abamektina | (b) | (c) | (a) | |
| Aċefat | (b) | (c) | (a) | |
| Aċetamiprid | (b) | (c) | (a) | |
| Akrinatrina | (b) | (c) | (a) | |
| Aldikarb | (b) | (c) | (a) | |
| Aldrin u dieldrin | (b) | (c) | (a) | |
| Ażinfos-metil | (b) | (c) | (a) | |
| Ażossistrobin | (b) | (c) | (a) | |
| Bifentrin | (b) | (c) | (a) | |
| Bifenil | (b) | (c) | (a) | |
| Bitertanol | (b) | (c) | (a) | |
| Boskalid | (b) | (c) | (a) | |
| Jon tal-bromur | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-bżar ħelu u fuqu fl-2018; fil-ħass, fit-tadam u fuqhom fl-2019; fir-ross ismar u fuqu fl-2020. |
| Bromopropilat | (b) | (c) | (a) | |

| | 2018 | 2019 | 2020 | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| Bupirimat | (b) | (c) | (a) | |
| Buprofeżin | (b) | (c) | (a) | |
| Kaptan | (b) | (c) | (a) | |
| Karbaril | (b) | (c) | (a) | |
| Karbendażim u benomil | (b) | (c) | (a) | |
| Karbofuran | (b) | (c) | (a) | |
| Klorantraniliprol | (b) | (c) | (a) | |
| Klorfenapir | (b) | (c) | (a) | |
| Klormekwat | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-brunġiel, fl-għeneb tal-mejda, fil-faqqiegħ ikkultivat, fil-qamħ u fuqhom fl-2018; fit-tadam, fil-ħafur u fuqhom fl-2019; fil-karrotti, fil-lanġas, fis-segala, fir-ross ismar u fuqhom fl-2020. |
| Klorotalonil | (b) | (c) | (a) | |
| Klorprofam | (b) | (c) | (a) | |
| Klorpirifos | (b) | (c) | (a) | |
| Klorpirifos-metil | (b) | (c) | (a) | |
| Klofenteżina | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata għall-prodotti kollha elenkati minbarra ċ-ċereali. |
| Klotijanidin | (b) | (c) | (a) | |
| Ċiflutrin | (b) | (c) | (a) | |
| Ċimoksanil | (b) | (c) | (a) | |
| Ċipermetrina | (b) | (c) | (a) | |
| Ċiprokonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Ċiprodinil | (b) | (c) | (a) | |
| Ċiromażina | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-brunġiel, fil-bżar ħelu, fil-bettieħ, fil-faqqiegħ ikkultivat u fuqhom fl-2018; fil-ħass, fit-tadam u fuqhom fl-2019; fil-patata, fil-basal, fil-karrotti u fuqhom fl-2020. |
| Deltametrina | (b) | (c) | (a) | |
| Diażinon | (b) | (c) | (a) | |
| Diklorvos | (b) | (c) | (a) | |
| Dikloran | (b) | (c) | (a) | |

| | 2018 | 2019 | 2020 | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| Dikofol | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata għall-prodotti kollha elenkati għajr iċ-ċereali. |
| Dietofenkarb | (b) | (c) | (a) | |
| Difenokonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Diflubenżuron | (b) | (c) | (a) | |
| Dimetoat | (b) | (c) | (a) | |
| Dimetomorf | (b) | (c) | (a) | |
| Dinikonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Difenilammina | (b) | (c) | (a) | |
| Ditijanon | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fl-għeneb tal-mejda u fuqu fl-2018; fit-tuffieħ, fil-ħawħ u fuqhom fl-2019; fil-lanġas, fir-ross ismar u fuqhom fl-2020. |
| Ditijokarbamati | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata fil-prodotti kollha elenkati u fuqhom, għajr il-brokkoli, il-pastard, il-kaboċċi kkapoċċati, iż-żejt taż-żebbuġa, l-inbid u l-basal. |
| Dodina | (b) | (c) | (a) | |
| Endosulfan | (b) | (c) | (a) | |
| EPN | (b) | (c) | (a) | |
| Epoksikonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Etefon | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-bżar ħelu, fil-qamħ, fl-għeneb tal-mejda u fuqhom fl-2018; fit-tuffieħ, fil-ħawħ, fit-tadam, fl-inbid u fuqhom fl-2019; fil-laringġ, fil-lanġas u fuqhom fl-2020. |
| Etijon | (b) | (c) | (a) | |
| Etirimol | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata fil-prodotti kollha elenkati u fuqhom għajr iċ-ċereali. |
| Etofenproks | (b) | (c) | (a) | |
| Famoksadon | (b) | (c) | (a) | |
| Fenamidon | (b) | (c) | (a) | |
| Fenamifos | (b) | (c) | (a) | |
| Fenarimol | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata fil-prodotti kollha elenkati u fuqhom għajr iċ-ċereali. |
| Fenażakin | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata fil-prodotti kollha elenkati u fuqhom għajr iċ-ċereali. |

| | 2018 | 2019 | 2020 | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| Fenbukonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Ossidu tal-fenbutatin | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-brunġiel, fil-grejpfrut,fil-bżar ħelu, fl-għeneb tal-mejda u fuqhom fl-2018; fit-tuffieħ, fil-frawli, fil-ħawħ, fit-tadam, fl-inbid u fuqhom fl-2019; analizzata fil-larinġ, fil-lanġas u fuqhom fl-2020. |
| Feneżammid | (b) | (c) | (a) | |
| Fenitrotijon | (b) | (c) | (a) | |
| Fenoksikarb | (b) | (c) | (a) | |
| Fenpropatrina | (b) | (c) | (a) | |
| Fenpropidina | (b) | (c) | (a) | |
| Fenpropimorf | (b) | (c) | (a) | |
| Fenpirossimat | (b) | (c) | (a) | |
| Fentijon | (b) | (c) | (a) | |
| Fenvalerat | (b) | (c) | (a) | |
| Fipronil | (b) | (c) | (a) | |
| Flonikamid | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-brunġiel, fl-għeneb tal-mejda, fil-grejpfrut, fil-bettieħ, fil-bżar ħelu, fil-qamħ u fuqhom fl-2018; fit-tuffieħ, fil-ħawħ, fl-ispinaċi, fil-ħass, fit-tadam, fil-ħafur, fix-xgħir u fuqhom fl-2019; fil-patata, fil-lanġas, fir-ross ismar, fis-segala u fuqhom fl-2020. |
| Fluważifop-P | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-brunġiel, fil-brokkoli, fil-bżar ħelu, fil-qamħ u fuqhom fl-2018; fil-frawli, fil-kaboċċa kkapoċċata, fil-ħass, fl-ispinaċi, fit-tadam u fuqhom fl-2019; fil-pastard, fil-fażola mnixxfa, fil-patata, fil-karrotti u fuqhom fl-2020. |
| Flubendiammid | (b) | (c) | (a) | |
| Fludioksonil | (b) | (c) | (a) | |
| Flufenoksuron | (b) | (c) | (a) | |
| Fluwopikolid | (b) | (c) | (a) | |
| Fluwopiram | (b) | (c) | (a) | |
| Flukwinkonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Flusilażol | (b) | (c) | (a) | |
| Flutrijafol | (b) | (c) | (a) | |
| Folpet | (b) | (c) | (a) | |

| | 2018 | 2019 | 2020 | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| Formetanat | (b) | (c) | (a) | |
| Fostijażat | (b) | (c) | (a) | |
| Glifosat | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fl-għeneb tal-mejda, fil-qamħ u fuqhom fl-2018; fit-tuffieħ, fil-ħawħ, fl-inbid, fix-xgħir, fil-ħafur u fuqhom fl-2019; fil-lanġas, fil-larinġ, fis-segala u fuqhom fl-2020. |
| Aloksifop inkluż l-aloksifop-P | (b) | (c) | | Għandha tiġi analizzata biss fil-brokkoli, fil-grejpfrut, fil-bżar ħelu, fil-qamħ u fuqhom fl-2018; fil-frawli, fil-kaboċċi kkapoċċati u fuqhom fl-2019. Is-sustanza ma għandhiex tiġi analizzata fi kwalunkwe prodott jew fuqu fl-2020. |
| Eżakonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Eksitijażoks | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata għall-prodotti kollha elenkati għajr iċ-ċereali. |
| Imażalil | (b) | (c) | (a) | |
| Imidakloprid | (b) | (c) | (a) | |
| Indoksakarb | (b) | (c) | (a) | |
| Iprodion | (b) | (c) | (a) | |
| Iprovalikarb | (b) | (c) | (a) | |
| Iżokarbofos | (b) | (c) | (a) | |
| Iżoprotijolan | | | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fir-ross ismar u fuqu fl-2020. Is-sustanza ma għandhiex tiġi analizzata fi kwalunkwe prodott jew fuqu fl-2018 u fl-2019. |
| Kreżoksim-metil | (b) | (c) | (a) | |
| Lambda-ċjalotrina | (b) | (c) | (a) | |
| Linuron | (b) | (c) | (a) | |
| Lufenuron | (b) | (c) | (a) | |
| Malatijon | (b) | (c) | (a) | |
| Mandipropammid | (b) | (c) | (a) | |
| Mepanipirim | (b) | (c) | (a) | |
| Mepikwat | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-faqqiegħ ikkultivat, fil-qamħ u fuqhom fl-2018; fix-xgħir, fil-ħafur u fuqhom fl-2019; fil-lanġas, fis-segala,fir-ross ismar u fuqhom fl-2020. |
| Metalaksil u metalaksil-M | (b) | (c) | (a) | |
| Metamidofos | (b) | (c) | (a) | |
| Metidatijon | (b) | (c) | (a) | |
| Metijokarb | (b) | (c) | (a) | |

| | 2018 | 2019 | 2020 | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| Metomil u tijodikarb | (b) | (c) | (a) | |
| Metossifenożid | (b) | (c) | (a) | |
| Monokrotofos | (b) | (c) | (a) | |
| Miklobutanil | (b) | (c) | (a) | |
| Oksadiksil | (b) | (c) | (a) | |
| Oksamil | (b) | (c) | (a) | |
| Oksidemeton-metil | (b) | (c) | (a) | |
| Paklobutrażol | (b) | (c) | (a) | |
| Paratijon | (b) | (c) | (a) | |
| Paratijon-metil | (b) | (c) | (a) | |
| Penkonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Penċikuron | (b) | (c) | (a) | |
| Pendimetalina | (b) | (c) | (a) | |
| Permetrina | (b) | (c) | (a) | |
| Fosmet | (b) | (c) | (a) | |
| Pirimikarb | (b) | (c) | (a) | |
| Pirimifos-metil | (b) | (c) | (a) | |
| Proċimidon | (b) | (c) | (a) | |
| Profenofos | (b) | (c) | (a) | |
| Propamokarb | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fl-għeneb tal-mejda, fil-bettieħ, fil-brunġiel, fil-brokkoli, fil-bżar ħelu, fil-qamħ u fuqhom fl-2018; fil-frawli, fil-kaboċċi kkapoċċati, fl-ispinaċi, fil-ħass, fit-tadam, fix-xgħir u fuqhom fl-2019; fil-karrotti, fil-pastard, fil-basal, fil-patata u fuqhom fl-2020. |
| Propargit | (b) | (c) | (a) | |
| Propikonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Propiżammid | (b) | (c) | (a) | |
| Prosulfokarb | (b) | (c) | (a) | |
| Protijokonażol | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-bżar ħelu, fil-qamħ u fuqhom fl-2018; fil-kaboċċi kkapoċċati, fil-ħass, fit-tadam, fil-ħafur, fix-xgħir u fuqhom fl-2019; fil-karrotti, fil-basal, fis-segala, fir-ross ismar u fuqhom fl-2020. |

| | 2018 | 2019 | 2020 | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| Pimetrożina | (b) | (c) | | Għandha tiġi analizzata biss fil-brunġiel, fil-bettieħ, fil-bżar ħelu u fuqhom fl-2018; fil-kaboċċi kkapoċċati, fil-ħass, fil-frawli, fl-ispinaċi, fit-tadam u fuqhom fl-2019. Is-sustanza ma għandhiex tiġi analizzata fi kwalunkwe prodott jew fuqu fl-2020. |
| Piraklostrobin | (b) | (c) | (a) | |
| Piridaben | (b) | (c) | (a) | |
| Pirimetanil | (b) | (c) | (a) | |
| Piriproksifen | (b) | (c) | (a) | |
| Kinoksifen | (b) | (c) | (a) | |
| Spinosad | (b) | (c) | (a) | |
| Spirodiklofen | (b) | (c) | (a) | |
| Spiromesifen | (b) | (c) | (a) | |
| Spiroksamina | (b) | (c) | (a) | |
| Taw-Fluvalinat | (b) | (c) | (a) | |
| Tebukonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Tebufenożid | (b) | (c) | (a) | |
| Tebufenpirad | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata fil-prodotti kollha elenkati u fuqhom għajr iċ-ċereali. |
| Teflubenżuron | (b) | (c) | (a) | |
| Teflutrina | (b) | (c) | (a) | |
| Terbutilażina | (b) | (c) | (a) | |
| Tetrakonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Tetradifon | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata fil-prodotti kollha elenkati u fuqhom għajr iċ-ċereali. |
| Tijabendażol | (b) | (c) | (a) | |
| Tijakloprid | (b) | (c) | (a) | |
| Tijametoksam | (b) | (c) | (a) | |
| Tijofanat-metil | (b) | (c) | (a) | |
| Tolklofos-metil | (b) | (c) | (a) | |
| Tolilfluwanid | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata fil-prodotti kollha elenkati u fuqhom għajr iċ-ċereali. |
| Triadimefon u triadimenol | (b) | (c) | (a) | |

| | 2018 | 2019 | 2020 | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| Triażofos | (b) | (c) | (a) | |
| Trifloksistrobin | (b) | (c) | (a) | |
| Triflumuron | (b) | (c) | (a) | |
| Vinklożolin | (b) | (c) | (a) | |

PARTI D

**Kombinazzjonijiet ta' pestiċidi/prodotti li għandhom jiġu ssorveljati fi/fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| Aldrin u dieldrin | (d) | (e) | (f) | |
| Bifentrin | (d) | (e) | (f) | |
| Klordan | (d) | (e) | (f) | |
| Klorpirifos | (d) | (e) | (f) | |
| Klorpirifos-metil | (d) | (e) | (f) | |
| Ċipermetrina | (d) | (e) | (f) | |
| DDT | (d) | (e) | (f) | |
| Deltametrina | (d) | (e) | (f) | |
| Diażinon | (d) | (e) | (f) | |
| Endosulfan | (d) | (e) | (f) | |
| Famoksadon | (d) | (e) | (f) | |
| Fenvalerat | (d) | (e) | (f) | |
| Ettakloru | (d) | (e) | (f) | |
| Eżaklorobenżen | (d) | (e) | (f) | |
| Eżaklorċikloeżan (HCH, Alfa-Isomeru) | (d) | (e) | (f) | |
| Eżaklorċikloeżan (HCH, Beta-Isomeru) | (d) | (e) | (f) | |
| Indoksakarb | | (e) | | Għandha tiġi analizzata biss fil-ħalib fl-2019. |
| Lindan | (d) | (e) | (f) | |
| Metoksiklor | (d) | (e) | (f) | |
| Paratijon | (d) | (e) | (f) | |
| Permetrina | (d) | (e) | (f) | |
| Pirimifos-metil | (d) | (e) | (f) | |

*ANNESS II*

## L-għadd ta' kampjuni msemmija fl-Artikolu 1

(1) L-għadd ta' kampjuni li għandhom jittieħdu għal kull prodott u li għandhom jiġu analizzati għall-pestiċidi elenkati fl-Anness I minn kull Stat Membru huwa stabbilit fit-tabella fil-punt (5).

(2) Barra mill-kampjuni meħtieġa skont it-tabella fil-punt (5), fl-2018 kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza għaxar kampjuni ta' ikel tat-trabi pproċessat b'bażi ta' ċereali.

Barra mill-kampjuni meħtieġa skont dik it-tabella, fl-2019 kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza għaxar kampjuni ta' ikel tat-trabi u tat-tfal żgħar għajr formuli tat-trabi, formuli ta' prosegwiment u ikel tat-trabi pproċessat b'bażi ta' ċereali.

Barra mill-kampjuni meħtieġa skont dik it-tabella, fl-2020 kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza ħames kampjuni ta' formuli tat-trabi u ħames kampjuni ta' formuli ta' prosegwiment għat-trabi.

(3) Skont it-tabella fil-punt (5), il-kampjuni minn prodotti li joriġinaw mill-biedja organika, fejn ikunu disponibbli, għandhom jittieħdu b'mod li hu proporzjonat mas-sehem tas-suq ta' dawk il-prodotti f'kull Stat Membru, b'minimu ta' 1.

(4) L-Istati Membri li jużaw metodi ta' analiżi ta' residwi multipli jistgħu jużaw metodi ta' skrinjar kwalitattiv fuq sa 15 % tal-kampjuni li għandhom jittieħdu u jiġu analizzati skont it-tabella f'punt (5). Meta Stat Membru juża metodi ta' skrinjar kwalitattiv, għandu janalizza l-bqija tal-kampjuni permezz ta' metodi kwantitattivi ta' residwi multipli.

Jekk ir-riżultati tal-iskrinjar kwalitattiv ikunu pożittivi, l-Istati Membri għandhom jużaw metodu ta' mmirar li jintuża s-soltu biex jikkwantifikaw is-sejbiet.

(5) Għadd minimu ta' kampjuni għal kull Stat Membru għal kull prodott:

| Stat Membru | Kampjuni | Stat Membru | Kampjuni |
|---|---|---|---|
| BE | 12 | LU | 12 |
| BG | 12 | HU | 12 |
| CZ | 12 | MT | 12 |
| DK | 12 | NL | 18 |
| DE | 97 | AT | 12 |
| EE | 12 | PL | 47 |
| EL | 12 | PT | 12 |
| ES | 50 | RO | 20 |
| FR | 71 | SI | 12 |
| IE | 12 | SK | 12 |
| IT | 69 | FI | 12 |
| CY | 12 | SE | 12 |
| LV | 12 | UK | 71 |
| LT | 12 | HR | 12 |

**L-GĦADD TOTALI TA' KAMPJUNI: 683**